4 ta' Ġunju, 1946.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Sentenza — Ommessa Deċiżjoni — Art. 216 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-pronunċja tal-Qorti fuq talba, jew—meta l-liġi ma tirrikjedix diversament—fuq eċċezzjoni proposta, tista' tkun impliċita. U dan jiġri meta dik il-pronunċja tkun konsegwenza neċessarja tal-pronunċja espressa. F'dan il-każ ikun biżżejjed li mill-parti razzjonali tas-sentenza jkun jidher li tkun ġiet mekuda in konsiderazzjoni t-talba jew l-eċċezzjoni, impliċitament milqugħa jew miċħuda, ossija li jkun inżamm kont tagħhom, sabiex ma jkunx hemm vjolazzjoni tad-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li s-sentenza għandha qabel xejn ikun fiha r-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat il-pronunċja tagħha.*

*Għaldaqstant, meta sentenza tiġi mogħtija kontra konvenut u mhux ukoll kontra konvenut ieħor, imma r-raġunijiet espressi fis-sentenza li mħabba fihom it-talba ġiet milqugħa kontra wieħed huma inkompatibili mal-kundanna ta' l-ieħor, ma hux il-każ ta' deċiżjoni ommessa għar-rigward tal-konvenut l-ieħor li ma ġiex espressament kundannat jew liberat.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni fejn l-attur, wara li ppremetta illi b'att ta' ċitazzjoni numru 232 tas-sena 1945, quddiem din il-Qorti, huwa talab il-kundanna tal-konvenut Emmanuele Fenech u tal-konvenut l-ieħor Pio Fedele, biex iħallsu lilu s-somma ta' £28. 10. 0, valur ta' benefikati agrikoli li Angelo Scicluna, missier il-minorenni fuq imsemmijin, ħalla fl-għalqa "Tal-Fgura", li mbagħad l-imsemmi Pio Fedele qabbel lill-konvenut Fenech; u li din il-Qorti, b'sentenza tat-8 ta' Jannar 1946, iddeċidiet dik il-kawża billi kkundannat lill-imsemmi Fedele jħallas lilu l-imsemmi ammont, bl-imgħax legali u bl-ispejjeż tal-kawża mingħajr ma għamlet ebda pronunziament di fronti għall-konvenut Emmanuele Fenech, b'mod li ma hemm ebda sentenza di fronti għal dan il-konvenut Fenech, u għalhekk hemm deċiżjoni ommessa; talab illi t-talba magħmula fl-imsemmi att taċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut Fenech, u li ma ġietx deċiża bl-imsemmija

sentenza, tiġi deċiża anki in konfront tal-konvenut Fenech; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-pronunċja fuq talba jew — meta l-liġi ma tirrikjedix diversament — fuq eċċezzjoni proposta, tista' tkun anki impliċita; u dana jiġri meta dik il-pronunċja tkun konsegwenza neċessarja tal-pronunċja espressa. F'dak il-każ ikun biżżejjed li jkun jidher illi fil-parti razzjonali, ossija fil-motivi tas-sentenza, tkun ġiet meħuda in konsiderazzjoni t-talba jew l-eċċezzjoni, impliċitament milqugħa jew miċħuda, ossija li jkun inżamm kont tagħhom, sabiex ma jkunx hemm vjolazzjoni ta' l-art. 216 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jiddisponi illi fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha. Hekk hija ħaġa evidenti illi jekk it-talba, in kwantu diretta kontra l-konvenut Fenech, hija inkompatibili mad-dispożitiv espress li akkolja l-istess talba in kwantu diretta kontra l-konvenut Fedele, dik it-talba kontra Fenech tibqa' neċessarjament u realment respinta jekk fil-parti razzjonali tas-sentenza ġew esposti r-raġunijiet li minħabba fihom kellu jinqata' li t-talba ma kellhiex tiġi milqugħa kontra Fenech;

Illi fis-sentenza fuq indikata, il-laqgħa tat-talba kontra Fenech tirriżulta inkompatibili mad-dispożitiv ta' l-istess sentenza; u fil-motivi ġew indikati r-raġunijiet li in forza tagħhom dik it-talba kontra Fenech ma ġietx milqugħa. Difatti fid-dispożitiv il-Qorti laqgħet it-talbiet ta' l-attur fis-sens li kkundannat lill-konvenut Fedele jħallas is-somma kollha mitluba, bl-imgħax mill-jum tas-sentenza, u l-istess konvenut Fedele ġie wkoll kundannat iħallas l-ispejjeż "kollha" tal-kawża; u mill-parti razzjonali tas-sentenza jidher ċar li t-talba kontra l-konvenut Fenech ġiet ikkunsidrata; u dik il-parti tikkontjeni wkoll ir-raġunijiet il-għaliex ġie ġudikat li Fenech ma għandux jiġi kundannat; liema raġunijiet jinsabu f'dik il-parti fejn intqal illi għalkemm ir-regola hija dik li l-benefikati tal-koltura mhumiex, bħala regola, debitu tal-lokatur (Fedele) lejn il-konduttur (l-attur), imma kreditu ta' dana l-aħħar wieħed lejn il-konduttur li jissuċċedieh fid-detenzjoni tal-fond (Fenech), kien iżda rriżulta mill-provi li meta

Fedele kera l-fond lil Fenech, huwa (Fedele) ftiehem ma' Fenech illi dana ma jħallas xejn tal-benefikati; u għalkemm f'dak il-ftehim l-attur ma ħax parti, iżda huwa aġixxa anki kontra l-konvenut Fedele, u kwindi, la darba rriżulta illi huwa dana Fedele li fl-aħħarnett għandu jħallas il-valur ta' dawk il-benefikati, l-istess Fenech għandu jiġi kundannat iħallas direttament lill-attur il-valur ta' dawk l-istess benefikati;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara li ma hemm ebda ommissjoni fid-dispożitiv tas-sentenza indikata fl-att taċ-ċitazzjoni, u konsegwentement tiċħad it-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.